MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru 51/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mustafa Ahmed El Gamoudi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 51 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Mustafa Ahmed El Gamoudi li bih huwa ġie akkużat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi madwar nofs ix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) il-pulizija kienu ġew infurmati illi l-akkużat kien għamel attentat ta' qtil fuq il-persuna ta' martu li jisimha Alison El Gamoudi nee` Catania.

Irriżulta li fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) wara argument bejn l-akkużat u l-vittma, Mustafa El Gamoudi kien ħebb għall-martu u dolożament u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu

ċar, l-akkużatipprova jifgha permezz ta' ħabel imdawwar ma' għonqha filwaqt li rabatha wkoll minn spallejha. Filfatt l-akkużat beda jissikka l-ħabel bil-ħsieb li joqtol lil martu li effettivament bdiet tifga waqt l-attakk, meta fortunatament irnexxielha tinħall mill-qabda ta' żewġha.

Illi b'hekk Alison El Gamoudi ma' ġietx fgata u effettivament ma' nqatlitx mill-imsemmi Mustafa Ahmed El Gamoudi minħabba il-manuvra tagħha, liema ċirkostanzi jirrapreżentaw aġir aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-imsemmi Mustafa Ahmed El Gamoudi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Mustafa Ahmed El Gamoudi sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Mustafa Ahmed El Gamoudi, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' seba' snin sa tletin sena prigunerija, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, u ċioe' nhar il-10 ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), wara li l-attakk għall-ħajja ta' martu ma' rnexxietx, l-akkużat ried ikollu kongungiment karnali ma' martu. Alison El Gamoudi nee` Catania, minħabba l-attentat ta qtil li kien għadu kif ikkommetta fuqha żewġha, kienet qed tibża' għal ħajjtiha kif ukoll

għall-ħajja ta' uliedha ż-żgħar li f'dak il-mument kienu fl-istess residenza fejn seħħ l-akkadut, u għalhekk subiet lill-akkużat kontra qalbha u b'mod involontarju u kellha toqgħod għal kull ma qalilha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Mustafa Ahmed El Gamoudi sar ħati talli bi vjolenza, kkommetta stupru aggravat fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess kontra mart l-akkużat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Mustafa Ahmed El Gamoudi, ħati talli kkommetta stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess kontra mart l-akkużat; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn erba' snin u mhux aktar minn tnax –il sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 201(a), 202(h)(ii), 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Mustafa Ahmed El Gamoudi, tas-27 ta' April, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, l-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal periodu ta' tmien (8) snin u nofs u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' April, 2012 li biha in vista tal-possibbli ammissjoni tal-akkużat fit-termini tar-rikors konġuntiv tas-27 ta' April 2012, jiddikjara li huwa dispost illi f'każ li l-akkużat jammetti r-reat taħt l-artikolu 216 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta huwa jaċċetta din l-

ammissjoni bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat illi waqt is-seduta tal-jum 7 ta' Mejju 2012, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skond l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva kif suġġerita mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tas-27 ta' April, 2012, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reat taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali skont l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Akkuża, kif ukoll tal-akkuza l-ohra dedotta kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara ghalhekk lil Mustafa Ahmed El Gamoudi, ħati talli

1. fl-10 ta' Settembru 2006, b' ghemilu mingħajr il-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar,iżda b'liema għemil seta' gab periklu tal-hajja jew ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġib difett f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' offiża gravi, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u dana skont l-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. fl-10 ta' Settembru, 2006, ikkometta stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess kontra mart l-akkużat, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħatja u la saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija għar-reati li dwarhom l-ħati ammetta l-ħtija tieghu u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxa għat-talba [1]konġuntiva magħmula skont l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 198, 201(a), 202(h)(ii), 216, 31, u 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-ħati**, Mustafa Ahmed El Gamoudi** għall-piena ta' tmien (8) snin u nofs priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara Rikors Konġuntiv tas-27 ta' April, 2012.